XOGĦOL STAĠUNALI

# GWIDA GĦALL-IMPJEGATURI

**IĊ-ĊITTADINI TAL-UE GĦANDHOM ID-DRITT LI JFITTXU IMPJIEG F'PAJJIŻ IEĦOR TAL-UE, U:**

- ikunu impjegati bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Istati Membri
- jirċievu l-istess assistenza mill-uffiċċji nazzjonali tal-impjiegi
- ikollhom aċċess għall-istess livell ta' protezzjoni soċjali bħal persuni assigurati oħra

GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI, ŻUR IS-SIT WEB TAL-AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL (ELA)

## JEKK TIMPJEGA ĦADDIEMA STAĠUNALI



Tivverifika l-identità tal-ħaddiema. Iċ-ċittadini mhux tal-UE għandu jkollhom permess ta' xogħol/residenza.



Tipprovdi lill-ħaddiema bil-kundizzjonijiet tax-xogħol bil-miktub.



Tikkonforma ma' kuntratti, ftehimiet, u mal-liġi tax-xogħol applikabbli.



Tipprovdi kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien deċenti.



Tippromwovi ambjent tax-xogħol tajjeb u tittratta l-impjegati kollha b'mod ugwali.



Tħallas il-pagi skont ir-regoli nazzjonali u tkun żgur li l-ispejjeż imnaqqsa, eż. għall-akkomodazzjoni jew għall-ikel ikunu konformi mar-regoli.




Tiżgura li ma jinqabiżx l-għadd permess ta' sigħat fil-ġimgħa u li l-impjegati jkollhom biżżejjed pawżi.



Iżżomm rekords tas-sigħat maħduma tagħhom.



Tipprovdi allowance għall-vaganzi.



Toħroġ karti tal-paga lill-ħaddiema tiegħek.



Tipproteġi lill-impjegati tiegħek minn riskji fuq il-post tax-xogħol u tiżgura s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, inkluż dawk relatati mal-COVID-19.

ELA
EUROPEAN LABOUR AUTHORITY